**TRIBUNAL GĦAL TALBIET ŻGĦAR**

**ĠUDIKATUR**
**DR JEAN PAUL GRECH**
B.A., LL.D, M.Juris. (INT. LAW), Adv. Trib. Eccl. Melit

**Seduta ta' nhar it-Tlieta, għaxra (10) ta' Jannar 2023**

Kawża Numru: 9/2022 (JPG)

**Go plc**
**(C22334)**

**vs**

**Ludwig Robert Sanford**
**(K.I. 281115L)**

- **Preliminari**

It-Tribunal,

Ra l-avviż tat-talba tas-socjeta' attriciipprezentat fit-3 ta' Mejju 2022 fejn is-socjeta' attrici Go plc (C22334) ippremetit s-segwenti: -

*"Illi l-konvenut Ludwig Robert Sanford huwa debitur tas-socjeta' attrici fl-ammont ta' elf tmien mija u ghaxar ewro u disgha u hamsin centezmu (€1810.59) in konnessjoni ma servizzi ta' telefonija fissa, internet u televizjoni provduti fuq l-account numru 40715030.*

*Illi l-konvenut gie interpellat kemm il-darba mis-socjeta' attrici ghal hlas izda baqgha inadempjenti.*

*Illi ghalhekk kellha ssir din il-kawza.*

*Bl-ispejjes inkluzi dawk ta' din il-procedura u dawk tal-ittra ufficjali numru 37/2021 u bl-imghaxijiet legali kollha kontra l-konvenut."*

Ra li l-intimat għalkemm ġie debitament notifikat bl-atti ta' dawn il-proceduri, huwa naqas li jipprezenta risposta entro t-terminu preskritt mil-liġi u lanqas ma deher hu personalment jew rappreżentant legali tiegħu għas-smiegħ ta' dan il-kaz biex jikkontesta dak reklamat mis-socjeta attrici;

Sema' x-xhieda tar-rapprezentanta tas-socjeta attrici Miriam Curmi fis-seduta tal-ħmistax (15) ta' Dicembru 2022;

Ra l-atti kollha tal-proċess inkluz wkoll id-dokumenti kollha prezentati;

- ***Kunsiderazzjonijiet Fattwali***

Ikkunsidra

Għalkemm minn ezami tal-atti processwali, jirrizulta li l-intimat baqa' kontumaci f'dawn il-proceduri, il-kontumacja mhix ekwivalenti għall-ammissjoni tat-talbiet tas-socjeta attrici. L-istess socjeta attrici xorta kienet taħt l-obbligu li hija tipprova l-kaz sal-grad li trid il-liġi fi proceduri civili. It-Tribunal iqis li s-socjeta attrici dan għamlitu sodisfacentement:

(a) Miriam Curmi għan-nom tas-socjeta attrici ikkonfermat li l-ammont indikat fl-avviz tat-talba għadu dovut fl-interita tiegħu;

(b) Is-socjeta attrici ipprezentat wkoll mal-avviz tat-talba l-kopja tal-kuntratt oriġinali li kien sar mal-intimat sabiex l-intimat jottjeni s-servizzi mitluba minnu mingħand is-socjeta attrici, l-istatement tal-ammonti dovuti mill-istess intimat kif wkoll il-korrispondenza legali mibgħuta. Dawn id-dokumenti kollha ġew konfermati bil-ġurament mill-istess Miriam Curmi għan-nom tas-socjeta attrici fis-seduta tal-ħmistax (15) ta' Dicembru 2022 waqt id-deposizzjoni tagħha.

Konsegwentement għalhekk it-talbiet tas-socjeta attrici jimmeritaw li jiġu milqugħha.

Għar-rigward minn meta għandhom jibdew jiddekorru l-imgħaxxijiet bl-ogħla rata permessa mil-liġi, jirrizulta li s-socjeta attrici għamlet sejħa għall-ħlas permezz ta' ittra ufficjali datata tmienja (8) ta' April 2021 (Ittra Numru 37/2021) u dan hekk kif stabbilit fl-artikolu 1141(2) tal-Kap. 16 tal-Liġijiet ta' Malta. Għalhekk l-interessi għandhom jitqiesu li bdew jiddekorru mid-data tal-prezentata ta' tali att ġudizzjarju.

- ***Decide***

Għaldaqstant għar-raġunijiet fuq espressi u l-kunsiderazzjonijiet hemm magħmula dan it-Tribunal qiegħed jaqta' u jiddeciedi din il-kawza billi jilqa' t-talbiet tas-socjeta attrici

u konsegwentement jikkundanna lill-intimat sabiex iħallas lis-socjeta attrici l-ammont ta' elf tmien mija u għaxar ewro u disgħa u ħamsin centezmu (€ 1,810.59) bl-imgħaxxijiet bir-rata ta' tmienja (8) fil-mija fis-sena dekorribbli mid-data tat-tmienja (8) ta' April 2021 sad-data tal-effettiv pagament.

L-ispejjez tal-prezenti istanza kif wkoll l-ispejjez relattivi għall-ittra ufficjali numru 37/2021 datata tmienja (8) ta' April 2021 għandhom jkunu kollha a karigu tal-intimat.

(ft.) Dr Jean Paul Grech LL.D
Gudikant

(ft.) Rebekah Mizzi
D/Reġistratur

Vera Kopja

Għar-Reġistratur